**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR. ANTHONY G. VELLA BA. LL.D. M.A.**

**Illum 28 ta' Settembru 2017**

**Pulizija**

**Spettur Maurice Curmi**

**Vs**

**Mariella Azzopardi**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet kontra Mariella Azzopardi nee' Borg ta' 54 sena bint Carmel Oreste Borg u Victoria nee' Cassar imwielda Sliema fil-5 ta' Dicembru 1962 u toqghod 143, Flat 15, Triq it-Torri, Sliema, detentrici tal-karta tal-identita' numru 739262M;

Talli f'Lulju 2015 u fil-gimghat u fix-xhur immedjatament precedenti f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Akkuzat talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi minghajr awtorizzazzjoni uzat computer u l-kodici ta' dhul , password, sabiex dahlet fil-facebook account ta' Caroll Burgess detentur tal-karta tal-identita' 317259M, u hadet fil-pussess taghha data jew informazzjoni ohra u zvelat it-tali data jew informazzjoni lil terza persuna;

2) Il-Qorti hija mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-partijiet;

**Ikkunsidrat;**

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputata, ftit taz-zmien qabel ma nbdew dawn il-proceduri, kienet saret habiba ta' Carol Burgess, u bdew ighixu flimkien. Huma kienu juzaw is-'social media' ta' xulxin, u ghalhekk kienu wkoll jafu l-'passwords' ta' xulxin u jaraw l-affarjiet kollha ta' xulxin. Gara, izda, li r-relazzjoni intemmet, u t-tnejn infirdu minn xulxin. Burgess kien ghamel ilment mal-Pulizija li, wara li kienet intemmet ir-relazzjoni bejniethom, l-imputata xorta baqghet tidhol fuq il-'Facebook account' tieghu kontra r-rieda tieghu u minghajr il-kunsens tieghu. Hu issuspetta fl-imputata u ghalhekk il-Pulizija baghtet ghaliha u hadet stqarrija taghha fit-2 ta' Awwissu 2016, fejn hi ghazlet li ma twegibx ghall-mistoqsija jekk kienetx wzat il-'Facebook' ta' Burgess, u l-Pulizija ressqitha taht dawn l-akkuzi. Jidher li l-kawza giet ampjament ippruvata mill-Prosekuzzjoni, u l-kawza kienet – fil-verita' – wahda *de minimis.*

Tenut kont tal-fatti kollha tal-kaz u tac-cirkostanzi, ghalkemm l-imputata ser tinstab hatja ta' dawn l-akkuzi, il-piena idoneja hija bla dubju ta' xejn sanzjoni fil-komunita'.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 18, 337C(1), 532A, 532B u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi imputata hatja tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u qieghda tilliberha bil-kundizzjoni li ma tergax taghmel reat iehor fi zmien sena ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**